MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1781/1998/1

**Stephen Sciberras**

**-vs-**

**L-Avuk. Francesco Depasquale u l-P.L. Paul Saliba li b'digriet tad-19 ta' Dicembru 1998 gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Naomi Sciberras li tinsab imsiefra l-Ingilterra.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-kontendenti zzewgu fl-10 ta' Awissu, 1996;

Premess illi mill-imsemmi zwieg il-kontendenti ma kellhom ebda tfal;

Premess illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom kien vizzjat minhabba diskrezzjoni ta' gudizzju hazin dwar x'inhuma l-obbligi u drittijiet essenzjali tal-hajja matrimonjali jew minhabba anomalija psikologika;

Premess illi l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat minhabba qerq da parti tal-konvenuta;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat mill-kontendenti fl-10 ta' Awissu 1996 huwa null u minghajr ebda effett fil-ligi;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, l-elenku tad-dokumenti esebiti u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Francesco Depasquale u l-Prokuratur Legali Paul Saliba nominati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Naomi Sciberras illi permezz taghha huma eccipew:-

1. Illi huma ma kienux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jaghtu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tas-16 ta' Gunju 1999 li permezz tieghu giet nominata l-avukat Dr. Irene Bonello bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert legali li tinsab a fol. 83 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-udjenza tat-13 ta’ Novembru 2001;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Fir-relazzjoni esebita a fol. 83 tal-process il-perit legali iddeduciet *inter alia* mill-provi illi fil-kaz *de quo* kien hemm "is-simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali da parti tal-konvenuta u l-qerq ezercitat minnha fir-rigward ta' l-attur li da parti tieghu jirrizulta li zzewweg in bona fide" (para. 4.5). Hekk rega' gie ripetut f'paragrafu 4.6 u dan wara li l-perit legali irravvisat li l-uniku skop tal-konvenuta li tghaddi ghaz-zwieg kien biex ikollha l-"*freedom of movement*" biex tidhol u tohrog minn Malta kull meta trid;

Jinghad mill-ewwel illi l-perit legali zbaljat meta assumiet li dan iz-zwieg kien affett mis-simulazzjoni. Meta ghamlet dan hi esorbitat mill-parametri tac-citazzjoni. Dan qed jigi rilevat in kwantu strettament il-ligi tikkontempla s-simulazzjoni taht is-subinciz (f) u dan ma giex dedott mill-attur bhala bazi tat-talba tieghu. Il-Qorti hi ghalhekk prekluza milli tinoltra ruhha f'materja li parti ma tkunx issollevat jew issottomettiet ghad-decizjoni taghha. Fl-ghoti tad-decizjoni l-gudikant ghandu joqghod rigorosament fil-limiti tal-kontestazzjoni, u in partikolari ta' dak mitlub mill-attur;

Fil-verita` dina l-Qorti lanqas tirravvisa l-fatt tal-'qerq' fuq xi kwalita` tal-konvenuta li per konsegwenza ghandu jinficja l-kunsens ta' l-attur;

Fil-kawza "**Louis Agius -vs- Georgia Agius xebba Gauci**", Appell Civili, 19 ta' Ottubru 1988 dik il-Qorti hekk interpretat is-subinciz (c) ghall-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255:-

"Hu ovvju li hawn qeghdin fil-kamp ta' '*moral substitution*' u kif spjegat mill-awturi (Ara Wrenn L. "Annullment" p 82 *et seq*.) din tissussisti "*when the quality is (I) an inherent property of the person and not some isolated past action; (II) present at the time of the wedding; (III) grave either objectively or subjectively; (IV) unknown to the other party; (V) fraudulently concealed for the purpose of obtaining marital consent. Lastly the quality must provoke a crisis on discovery; otherwise the presumption would be that the error was not in fact substantial".*"

Dan l-insenjament segwa dak tat-Tribunal Ekklezjastiku fil-proceduri bejn l-istess koppja. Cionostante anke jekk l-Att taz-Zwieg iddivorzja ghal kollox il-process civili dwar l-annullament mill-process kanoniku, eppure l-istess insenjament tad-dritt kanoniku ma jistax jigi skartat ghal kollox;

Riportat ghalhekk dan it-taghlim ghal kaz taghna ma jezisti l-ebda dubbju fil-fehma ta' dina l-Qorti illi ma jistax jigi ritenut li jissussisti l-allegat "*dolus*". L-attur kien jaf li martu kienet diga` mizzewga, iddivorzjata, u li kellha hamest itfal. Kien jaf ukoll minn qabel iz-zwieg illi martu ma kienx jinteressaha minn uliedha. Il-fatt li dahqet bih ghax qabel iz-zwieg tatu x'jifhem li kienet lesta tbiddel ic-cittadinanza u rega' bdielha sussegwentement ghaz-zwieg ma jistax remotament jigi allaccjat ma' dak li tghid il-ligi b'referenza ghal "kwalita` tal-parti l-ohra". Ankorke` kellu jkun hekk din la kienet gravi u wisq anqas ipprecipitat xi krizi, tant li l-attur kien sahansitra rega' accettaha lura ghandu wara assenza ta' xi xhur li fihom kienet addirittura abortiet;

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti kien ikun aktar floku kieku l-energija tal-perit legali ikkoncentrat fuq id-dispost tas-subincis (d) ghall-Artikolu 19;

Ezaminati l-provi mill-ottika ta' din id-disposizzjoni dawn jimmanifestaw sintomi sufficjenti ghal konvinciment illi l-konvenuta, kif hekk jirrizulta li x'aktarx kien l-ewwel zwieg taghha meta izzewget ta' erbatax (14) il-sena, dahhlet ghal dan it-tieni zwieg ghalkemm issa ta' 31 sena, bl-

istess immaturita` u impreparazzjoni bhal dak ta' l-ewwel. Ma jidhirx certament mill-mod ta' komportament taghha illi l-kunsens moghti minnha fil-mument taz-zwieg, celebrat wara biss ftit xhur minn meta l-koppja saru midhla ta' xulxin, kien wiehed moghni b'riflessjoni serja ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga. Telqet minn Malta u giet lura meta riedet u x'hin fettlilha. Abortiet minghajr ma hasbitha darbtejn u minghajr lanqas biss otteniet il-kunsens ta' l-attur. Il-fatt li anke dan iz-zwieg, bhall-ewwel wiehed taghha, falla wara ftit taz-zmien jikkonsolida l-fehma illi l-kunsens taghha kien wiehed ivvizzjat fit-termini tal-precitat Artikolu 19(1)(d).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi tilqa' d-domanda ta' l-attur u tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-10 ta' Awissu 1996 ghandu jitqies null u bla effett legali izda dan ghar-raguni prevvista mill-Artikolu 19(1)(d) ta' l-Att dwar iz-Zwieg.

L-ispejjez tal-kawza huma a kariku tal-konvenuta.

(ft) Philip Sciberras

______________________
Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

____________________
Emanuel Sciriha
Deputat Registratur